**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Marzu, 2017

Talba Numru: 469/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 12

**Joseph Paul Vancell (K.I.113370M)**
**3, San Bartilmew Street,**
**Zurrieq**

**Vs**

**Future Computers Limited (C55480)**
**2, St Hyacinthus Street,**
**Sliema**

**U**

**Matthew Cilia (K.I.347493M)**
**2, St Hyacinthus Street,**
**Sliema**
**Ghal kull interess li jista jkollu**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu l-attur talab il-hlas minghand il-konvenuti fl-ammont ta' disa' mija u hamsa u

erbghin ewro (€945) dovuta kwantu ghal rifuzjoni ta' Point of Sale System Package (kemm software u l-hardware) li ma kienx tal-kwalita' patwita liema apparat gie sussegwentement depozitat il-Qorti prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti huma obbligati jirrifondu lill-attur tali somma stante li s-sistema mixtrija ma kienetx skont il-ftehim.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jittiehed bħala mistqarr.

Din hija talba ta' rifuzjoni ta' kemm hallas ghal point of sale system package kemm software u hardware li ma kienx tal-kwalita' patwita cioe' disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€945).

Inghad li 'huwa veru li l-kapitoli meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza b'mod li, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza u l-Qorti jidrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawn l-provi l-ohra l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra (**Prim Awla Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et 28.6.1952**).

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi u jara li t-talba tal-attu ghal hlas ta' disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€945) hija gustifikata u sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-attur s-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€945) bhala rifuzjoni tas-somma li hallsu ghal point of sale system package (software u hardware) li ma kienx ta' kwalita' patwita.

L-ispejjeż, inkluż ta' dawk gudizzjarji nkorsi mill-attur inkluz fir-rigward tac-cedola ta' depozitu, tal-ittra legali u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-istess konvenuti.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**